

Brussell, 5 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8624/20

ENER 200
FIN 340
CLIMA 108

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Mejju 2020
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 7944/20	
Suġġett:	Rapport Speċjali 01/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal effiċjenza akbar fl-enerġija tnaqqas minn dewmien sinifikanti u nuqqas ta' konformità" - Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Mejju 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 01/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal effiċjenza akbar fl-enerġija tnaqqas minn dewmien sinifikanti u nuqqas ta' konformità", adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fid-29 ta' Mejju 2020 bi proċedura bil-miktub.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali 01/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal effiċjenza akbar fl-enerġija tnaqqas minn dewmien sinifikanti u nuqqas ta' konformità"

FILWAQT LI JFAKKAR fil-pakkett legiſlattiv "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", li jistabbilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-miri tal-Unjoni għall-enerġija u l-klima għall-2030 b'rabta mat-tnaqqis tal-gass serra, iż-żidiet fl-enerġija rinnovabbli, it-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija u l-interkonnessjonijiet elettriċi,

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIRRINGRAZZJA lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għar-Rapport Speċjali 01/2020 intitolat "L-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-Ekodisinn u t-Tikkettar tal-Enerġija: il-kontribut importanti għal effiċjenza akbar fl-enerġija tnaqqas minn dewmien sinifikanti u nuqqas ta' konformità",
2. JISĦAQ fuq l-attenzjoni li r-Rapport Speċjali jagħti lill-kontribut effettiv tal-Ekodisinn u tat-Tikkettar tal-Enerġija biex jintlaħqu l-miri tal-UE b'rabta mal-effiċjenza fl-enerġija u l-ambjent,
3. JIEĦU nota tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Speċjali u jhegġegħ lill-Kummissjoni ssegwi dawk ir-rakkomandazzjonijiet.

B'mod partikolari:

4. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżgura qafas effettiv u dedikat għall-Ekodisinn ta' prodotti relatati mal-enerġija,
5. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex ittejjeb u tħaffef il-proċess regolatorju billi tevita l-approċċ ta' pakkett fil-ġejjieni,
6. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti dwar l-effettività meta tiddiskuti l-kriterji tal-effiċjenza fir-riżorsi u l-materjal biex tiġi evitata duplikazzjoni regolatorja,

7. JAGĦRAF li l-Kummissjoni bdiet ir-reviżjoni tal-metodoloġija għall-Ekodisinn ta' prodotti relatati mal-enerġija,
8. JEMMEN li l-Ekodisinn huwa strument ta' politika rilevanti biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-konsum dejjem akbar tal-elettriku fis-settur diġitali u jilqa' l-istudju li nediet il-Kummissjoni għall-prodotti bbażati fuq it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni,
9. JIEĦU NOTA tar-rakkomandazzjoni tal-Qorti biex tittejjeb il-kontabbiltà tal-impatt u jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni aċċettat li tiegħu passi biex tindirizza kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità u dewmien fl-implimentazzjoni fil-ħidma futura tagħha ta' kontabbiltà tal-impatt,
10. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq filwaqt li timplimenta l-istrumenti meħtieġa tar-Regolament (UE) 2019/1020.
